Spiritwali tal-Moviment tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni, u xtaqlu futur siewi biex ikompli dak li hu kien beda.

Tkellem ukoll Dun Żaren u rringrazzja lil Ġuża għall-fiduċja li hi uriet fih. Hu qal li se jagħmel ħiltu biex jgħin 'l-Armata tal-Madonna'. Hu rringrazzja lill-Madonna u talabha li, bħala l-*Leader* tagħna, tkompli tmexxina biex inkunu nistgħu nfaħħru 'l Alla għall-egħmejjel sbieħ tiegħu. Hu qal li aħna bħal katina, kull wieħed għandu bżonn l-ieħor u għandna ngħinu l-xulxin u nitolbu flimkien ħalli nkabbru dan il-Moviment.

### Il-Laqgħa ta' Novembru 1990

F'din il-laqgħa Ġuża tkellmet fuq il-ħidma qerrieda tax-xitan fostna. Wissietna biex fit-tentazzjonijiet nitolbu lill-Madonna; "Id-dlam u d-dawl ma jistgħux joqgħodu flimkien" qalet Ġuża.

Id-dnubiet tad-dagħa u tas-sess bejn membri tal-istess familja jiġbdu kastigi tal-biża' minn Alla offiż. Ġuża semmiet kateklizmi tal-waħx imma ma setgħetx tispjega aktar; "Ċerti affarijiet ma nistax ngħidhom; għad ma sarx il-ħin tagħhom", iddikjarat Ġuża.

Nitolbu ħafna lill-Madonna biex iżżommna "fit-triq tad-dawl" li hi il-Grazzja ta' Alla u naħarbu d-dnub li hu "id-dlam tar-ruħ".

Fl-aħħar Dun Żaren semma l-importanza tas-salvazzjoni tar-ruħ. "Ladarba nkunu salvajna ruħna, inkunu erbaħna kollox" temm jgħid dan is-saċerdot.

### Il-Laqgħa ta' Diċembru 1990

L-aħħar laqgħa tas-sena saret fit-2 ta' Diċembru. Minkejja tat-temp ħażin, folla ġmielha attendiet. Iżda Ġuża ma kenitx tiflaħ u ma telgħetx il-Girgenti. Il-Laqgħa kienet preseduta minn Dun Żaren Tonna, Mons. Buontempo u l-Perit Philip Azzopardi li hu l-President tal-Kumitat tagħna.

---

DIKJARAZZJONI: Il-Bord Editorjali ta' dan il-Fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.

Veritas Press, Żabbar

Jannar 1991


# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 5 JITQASSAM BLA ĦLAS


## *AWGURI! IS-SENA T-TAJBA!*

*Il-Membri tal-Kumitat tagħna*
*Jawguraw Sena Fejjieda ta' Spiritwalità Marjana*
*Lit-Tesserati Kollha*
*Tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni,*
*Lill-Eluf ta' Devoti*
*li jattendu għal-laqgħat ta' Talb,*
*u lill-qarrejja kollha*
*ta' 'Leħen il-Girgenti'.*

## *AWGURI SPEĊJALI*

*Lill-għażiża Ġuża Mifsud*
*Fl-okkażjoni ta' Jum Għeluq Sninha*
*Fis-27 ta' Jannar 1991.*
*Nixtiqulha aktar snin ta' ħidma*
*Biex il-Missjoni Tagħha*
*Tkompli titwettaq!*

## TISLIMA LILL-MADONNA TA' SANTA GERTRUDE

**Jiena nsellimlek O Ġilju bajdani TAT-TRINITÀ MQADDSA dejjem Glorjuża w Paċifika;**
**Jiena nsellimlek, O Warda tal-Ogħla tal-Ġenna; Inti li minnek ippermetta l-Mulej li Ibnu jitwieled u li mingħandek l-Iben ta' Alla ried igħix, is-Sultan tas-Sema u tal-Art.**

*(Għid din it-tislima kull darba li tara statwa jew inkwadru tal-Madonna)*

## INNU LILL-MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

Ġo dar fqajra fis-Siġġiewi
Sa minn qabel is-snin ħamsin
Instemgħet il-vuċi ħelwa
T'Omm Alla w tagħna l-bnedmin.
Ave Maria.

Lil Ġuża xebba raħlija,
O Madonna ridtha twiegħed,
Li mid-dagħa hi tiddefendi
L-unur t'Alla, t'Ibnu w Tiegħek.
Ave Maria.

Kollha mbikkma Ġuża wiegbet
Li għal dan hi le tinqala',
Iżda Int malajr sabbartha
Bil-kobor tal-ħwejjeġ t'Alla.
Ave Maria.

Darba waqt li kienet titlob
Ġewwa l-wied minn tal-Girgenti,
Fuq siġra tan-naspli lemħet
Tiddi dija wisq splendenti.
Ave Maria.

Kif staqsietek biex turiha
X'kien hemm ġewwa dawk ir-raġġi
Ir-rużarju komplejt magħha
W'bdejt tagħtiha xi messaġġi
Ave Maria.

Mingħajr għadd kienu id-drabi
Li Int dhert lit-twajba Ġuża,
Tgħidilha bil-kobor t'Alla
W'biex tkun soda w kuraġġuża.
Ave Maria.

Fost l-egħżeż w l-eqdes messaġġi
Hemm dak dwar Konsagrazzjoni
U sabiex lejn l-Ostja Mqaddsa
Tagħna nkabbru d-devozzjoni.
Ave Maria.

Nitolbuk, O Verġni Mbierka,
Li hawn tibqa' ssaltan magħna,
Biex il-paċi tant mixtieqa
Tkompli sseħħ minn Malta tagħna.
Ave Maria.

**N.B.** *Dan l-innu ġie addattat minn fuq rivelazzjoni li Ġuża kellha mill-Madonna nhar l-Erbgħa 8 ta' Awissu 1990, għall-ħabta ta' l-10.30 p.m. Il-Madonna qaltilha, "Dan l-innu niżżilthulek mill-Belt Imqaddsa t'Alla biex tħallih bil-miktub qabel ma tħalli dan il-wied tad-dmugħ... fejn tant batejt minħabba dawk ir-rivelazzjonijiet li kien jagħtini l-Mulej biex Jiena nagħtihom lilek. F'dawk il-ġrajjiet tal-Girgenti kien hemm ħafna affarijiet sbieħ imma kien hemm ħafna affarijiet illi lilek ġagħluk tbati ħafna. Qawwi qalbek, agħmel kuraġġ... għax dan li Jiena qed ngħidlek irid ikun ta' kuraġġ l-aktar kbir għalik u għal dawk in-nies li huma tant... ta' rieda tajba biex ikunu jafu li mal-mewt ma jispiċċax kollox imma tibda ħajja aktar feliċi, sabiħa u qaddisa.*

## "BINTI, IL-PAĊI MINN MALTA TRID TIBDA..."

### Kliem tal-Madonna lil Ġuża Mifsud

Sa mill-bidu tal-laqgħat f'Wied il-Girgenti, id-diskors ta' Ġuża kien ikun fuq id-dnubiet ewlenin ta' pajjiżna, li qegħdin joffendu tant 'l Alla. Il-Madonna kien jisgħobiha għad-dagħa li jingħad, għall-mibgħeda li hawn fostna, għall-firda fil-familji, għall-ilbies u għamil diżonest u semmiet ukoll l-abort u qtil tal-innoċenti f'pajjiżi oħra.

M'għaddietx sena mill-bidu tal-laqgħat li Ġuża ma bdietx tinsisti li l-Madonna trid il-paċi f'pajjiżna għax "il-paċi minn Malta trid tibda..." Dan kien fl-1987. Ftit jew xejn ma konna nifhmu kif din il-paċi trid tinxtered minn Malta f'pajjiżi oħra. Minkejja li ma konniex nifhmu, xorta waħda konna nitolbu u nxerrdu l-messaġġ.

Dik is-sena ħarġet *Press Release* mill-Kurja fejn intqal li l-Awtoritajiet tal-Knisja ma jeħdux respon-sabbiltà għal dak li ġara u kien qed jiġri l-Girgenti. Xi nies ħasbu li l-ġrajjiet ma kinux vera. Imma l-Ma-

donna ppermettiet il-fenomeni tax-xemx f'Ġunju 1988 u Lulju ta' wara, meta attendew għal din il-laqgħa xi elf u ħames mitt ruħ. Minn dakinhar, fenomeni oħra, mhux daqshekk straordinarji, seħħew, kif jixhdu il-mijiet kbar li attendew għal-laqgħat.

Kulħadd jiftakar kif xi ġranet qabel l-aħħar elezzjoni, Ġuża qaltilna f'diskors imqanqal, li l-Madonna ma tridx tixrid ta' demm imma trid il-**PAĊI**. Talb ma qata' xejn u l-Ewropa kollha stagħġbet kif wara sittax-il sena soċjaliżmu il-poter għadda f'idejn l-Oppożizzjoni mingħajr tixrid ta' demm kif ħafna kienu jibżgħu li seta' jsir.

Kif nistgħu ninsew dak li ġara fl-aħħar ta' Novembru 1989? Mingħajr ma ħadd kien jistenniha, ġiet l-aħbar li Bush u Gorbachev kienu se jiltaqgħu fl-ibħra territorjali ta' Malta u, ftit wara, li s-*Summit* kellu jsir fuq vapuri tal-gwerra tas-Super Potenzi, f'Marsaxlokk. Sadattant il-Palazz tal-Inkwiżitur fil-GIRGENTI ġie rranġat għal dak li seta' jinqala'...

Dik il-ħabta kellna ġimgħat ta' temp sabiħ liema bħalu. Fis-27 ta' Novembru 1989, filgħaxija, Ġuża rat bħal kewkba, tiddi "bħal linfa", kbira "daqs galletta", u talbet il-Madonna tfissrilha x'kienet. Fil-11.30 p.m. Ġuża semgħet il-leħen ħelu tal-Madonna li qaltilha: "Fostkom hemm nies tajba; imma hemm oħrajn li jridu l-ħażin... imma b'dak li se jagħmel il-Mulej il-ħażin mhux se jħallih isir..." Kulħadd jiftakar x'tempesta saret waqt is-*Summit*! L-Ewropa kollha stagħġbet!

F'intervista li l-editur ta' dan il-fuljett għamel lil Ġuża xi ġranet wara s-*Summit*, din stqarritlu li l-Madonna kienet qaltilha dan il-kliem profetiku: "Dan il-musbieħ kemm kemm inemnem fuq l-arja ta' Malta; dan il-musbieħ kemm kemm se jintefa w ma jintefiex, għad jixgħel u dinja kollha tkun taf bih!" "... minn Malta xegħel il-musbieħ!" affirmat Ġuża.

Tistgħu taraw intkom stess x'ġara dawn l-aħħar sentejn, fl-Ewropa kollha, u kif Malta qed issir magħrufa mad-dinja kollha u saret ċentru ta' organizzazzjonijiet internazzjonali; ċentru ta' importanza li m'għandha xejn x'taqsam maċ-ċokon tal-gżira.

Tal-għaġeb kemm il-Mulej u l-Madonna jħobbu din il-gżira tagħna, mitlufa f'nofs il-Mediterran!

Min hu sinċier ma jistax ma jemminx fil-ġrajjiet tal-Girgenti.

## MONSINJUR SALV. GRIMA



Fost il-konfessuri li kellha Ġuża Mifsud insibu lil Mons. Salv. Grima, li miet kważi sena ilu, fis-27 ta' Jannar 1990. Dettalji fuq il-ħajja ta' dan is-saċerdot dedikat issibuhom fit-tielet ktieb ta' Dr. Sylvana Spiteri "It-Twaqqif ta' Titular Ġdid".

Infakkrukom biss, hawnhekk, li Mons. Salv. Grima kellu devozzjoni kbira lejn il-Madonna tal-Konsagrazzjoni li bl-għajnuna tagħha wettaq tant ġid.

Kien hu li ħeġġeġ lil Ġuża biex tiftaħ il-bieb ta' darha lin-nies u xxandar il-messaġġi li l-Madonna għadditilha.

Mons. Grima mhux biss kien iħobb il-Madonna iżda kien jemmen bis-sħiħ fil-kuntatti li Ġuża kellha mal-Madonna u fil-missjoni li Alla riedha twettaq.

Għaddew kważi tnax-il xahar minn jum il-mewt tiegħu; imma, kemm-il darba wara mewtu il-Monsinjur żamm kuntatt ma' Ġuża, kif stqarriet hi stess, u kompla jħeġġiġha tgħix il-vokazzjoni tagħha għall-ġid ta' pajjiżna u tad-dinja.

Jalla l-Madonna tmiss il-qalb ta' saċerdoti ħabrieka w qalbiena biex jgħinu fix-xogħol spiritwali li Alla jrid li jkompli jsir fost l-eluf ta' devoti tal-Madonna li jattendu għal-laqgħat li jsiru fl-għalqa santwarju tal-Girgenti. Aħna ċerti li l-għajnuna ta' Mons. Grima mis-Sema mhiex sejra tonqosna, anzi, aħna konvinti li l-kawża tal-Ġrajjiet tal-Girgenti għandha protettur fis-Sema.

## FEJQAN STRAORDINARJU TA' DORIS ATTARD, MINN ĦAŻ-ŻEBBUĠ

Kien għall-ħabta ta' April 1983 li jien ħassejt idi x-xellugija tugħagħni u ftit ftit is-swaba bdew jingħalqu. Jien mort l-isptar u rani l-Professur J. E. Casaletto li ordnali massaġġi ta' idi. Il-fiżjoterapista Mary Cutajar bdiet tikkurani.

Iżda idi bdiet tmur għall-agħar u saħansitra bdiet tiswied. L-uġigħ ma telaqnix, anzi żdied. Għaddew il-ġimgħat u idi kompliet tiswied u bdiet toħroġ ċertu likwidu waqt li riħa tinten kienet iddejjaq lil dawk li jersqu lejja. Kelli uġigħ fi driegħi kollu li ma kien iħallini nagħmel xejn u lanqas nistrieħ. Tant ma kontx niflaħ li kelli noqgħod fis-sodda.

Għaddiet kważi sena. Idi ddeterjorat għal kollox. Ħija mar jara lill-Professur Casaletto li qallu li ebda kura medika ma setgħet tfejjaqni u li aħjar jaqtgħuli idi biex insalva ġismi kollu, għax, b'dik l-id żgur li ma kontx se ndum ngħix. Għalkemm kont muġugħa, jiena ma kontx lesta li nħallihom jaqtgħuli idi.

Sadattant, waħda mara mis-Siġġiewi li kienet taf lil Ġuża Mifsud ħajritni mmur sa għandha; u hekk għamilt. Jien lil Ġuża ma kontx nafha u lanqas hi ma kienet taf lili. Kif dħalt għandha, mingħajr ma jien kont għadni lissint kelma, Ġuża qaltli; "Il-Madonna se tfejqek!" Hi ressqitni quddiem l-inkwadru tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni biex nitolbu flimkien. Ħaġa straordinarja, dak il-ħin, minn idi nfaxxata dejjem tinten, ħarġet riħa tfuħ!

Għand Ġuża bdejt immur spiss; darba, darbtejn fil-ġimgħa, sa minn April 1984. Kull darba li kont nitlob magħha quddiem l-inkwadru tal-Madonna, kont inħoss muviment f'idi. L-isptar kienu qaluli li rimedju wieħed kien hemm: li jaqtgħuli idi. Imma Ġuża kienet qaltli: "Ara li ma jfettillekx taqta' xi id! Idek ħalliha fejn hi għax il-Madonna se tirranġalek kollox." U hekk ġara.

Idi bdiet tfieq; marret l-intiena; marret is-swidija; u s-swaba bdejt inħaddimhom bħal tal-lemin. Idi fieqet għal kollox, u dan mingħajr ebda kura medika. Fis-6 ta' Awissu 1984 mort għand Ġuża biex flimkien nirringrazzjaw lill-Madonna ta' din il-grazzja kbira. Meta kont mort għand il-Professur, meta ra idi bajda imfejqa għal kollox, stagħġeb u qalli: "Dan miraklu", u għamilli ċertifikat ta' dan il-fejqan straordinarju.

*'Fejqan straordinarju' ikompli*

Ta' dan kollu nagħti ħajr lill-Madonna tal-Konsagrazzjoni.

Iċ-Ċertifikat tal-Professur jgħid hekk:

*9th July 1984*

*This letter is to state that Mrs. Attard had her left flist clenched and fixed and painful for one year and four months.*

*No medical treatment was of any use whatsoever; but on praying to Our Lady she has made a full recovery. This I can attestate to, and several other Staff at the hospital.*

***In truth***

***Dr. J. E. Casaletto, M.D., F.R.C.S.***

***Consultant Orthopaedic Surgeon.***

---

## AĦBARIJIET U AVVIŻI

**Il-Laqgħa tas-7 ta' Ottubru 1990**

Ġuża wissiet li hawn ħafna nies li qed jużaw l-iskola ħażin, u qegħdin jagħmlu ħafna bsaten fir-roti u joħolqu mibgħeda. Ħadd m'għandu juża l-mibgħeda iżda l-imħabba kif irid Alla. Mhux ngħidu li rridu l-paċi u l-imħabba bil-kliem biss, imbagħad, lil min ma jaqbilx magħna nixtiequ nisparawlu.

Ħafna jgħidu li jafu l-iskola iżda ma jafux lil Alla jew ma jistgħux jifhmuH. Ġuża staqsiet kif jista' jkun dan meta kull ma tara jfakkrek f'Alla, u f'kollox tista' tara l-kobor Tiegħu.

Meta jkollna l-imħabba u l-paċi ta' Alla, ma jkun jonqosna xejn. Il-Madonna jisgħobiha bid-dagħa li hawn u wissietna li jekk Alla jrid jikkastigana, biżżejjed jibgħatilna ftit xita żejda u jgħerriqna.

Wara tkellem Mons. Buontempo li skuża ruħu mal-folla għaliex dan l-aħħar ma setax jattendi. Dan kien imħabba li kien ma jiflaħx u għal ebda raġuni oħra. Imbagħad feraħ lil Dun Żaren Tonna li kien se jeħodlu postu bħala Direttur ➡

---

Ibagħtu l-korrespondenza tagħkom – opinjonijiet – mistoqsijiet – grazzji maqlugħa – kontribuzzjonijiet oħra lil: "Leħen il-Girgenti"
c/o 16 St. James Str.,
Siġġiewi.